MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 169/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Garrett**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġdikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer, nhar il-9 ta' Lulju 2006, ghall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' filgħodu (01.30hrs), gewwa l-istabilliment 'Havana' sitwat go Triq San Gorg, San Giljan, u kif ukoll gewwa Triq San Gorg, San Giljan u fil-vicinanzi:-

Mingħajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-ħajja fil-periklu car, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' Loredana Zampa, skont kif ċertifikat mit-tabib Dr. Mark Camilleri MD

u dan bi ksur ta’ Artikoli 214 u 216 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U akkuzat aktar talli sar reċidiv b’sentenza tal-Qorti datata nhar il-2 ta’ Settembru 2003, liema sentenza hija definitiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba, li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Loredana Zampa jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ħati b’obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta’ flus li tiġi iffisata mill-Qorti (Art 383 ta’ Kap 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Marzu, 2012 fejn sabet lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża, mhux ħati tat-tieni akkuża li minnha illiberatu u wara li rat l-Art. 214, 216 Kap 9 ikkundannatu għal sentejn u nofs priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fit-30 ta’ Marzu, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberatu mit-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, tvarja l-istess billi tħassar u tirrevokha fejn sabitu ħati ta’ l-ewwel akkuża u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, u fin-nuqqas tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament ħażin tal-provi u tal-fatti:-

A. Rigwardanti il-portata tal-ġrieħi allegatament sofferti minn Loredana.

Illi għandu jingħad li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-allegata vittma kienet sofriet ġrieħi ta’ natura gravi fit-termini tal-artikolu 216 minħabba żewġ konsiderazzjonijiet:

1. Għax dehrilha li l-frattura kienet offiża per durata. In effetti, minn eżami ta’ depożizzjoni tat-tabib Dr. Martin Camilleri tat- 23 ta’ Ottubru, 2007 a foglio 57 u 58 tal-process nara li dan f’hin minnhom qal li biex tfieq sewwa kellhom jgħaddu erba’ ġimgħat. Erba’ ġimgħat jiġu tmienja u għoxrin ġurnata u mhux tletin kif rikjest mill-ligi. Finalment, huwa jistqarr li ma` reġax eżamina lill-pazjenta u għalhekk ma kienx f’ pozizzjoni jirrelata dwar kemm eżattament damet biex tfiq.
2. It-tieni konsiderazzjoni kienet il-fatt li l-allegata vittma kellha laċerazzjoni superfiċjali fuq l-imnieħer li estendiet ghal fuq il-wiċċ. Illi dwar din il-laċerazzjoni, insibu li fiċ-ċertifikat mediku rilaxxat mit-tabib Martin Camilleri a foglio 13 tal-proċess, insibu li t-tabib jiddeskrivi din il-laċerazzjoni bħala waħda superfiċjali.

Illi ghandu jingħad li għad li huwa minnu li ai termini ta’ l-artiklu 216 (kuntrarjament ghal dak li nsibu fl-artiklu 217) l-isfregju m’hemmx bzonn li jkun wieħed permanenti, xorta wahda irid ikun ta’ ċertu portatata. Dan qed jingħad fl-ispirtu ta’ l-istess artiklu 216 li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi kollha li jagħmlu ġrieħi ta’ natura gravi. Konsegwentement, girfa żgħira li wara ftit tisfuma fix-xejn, m’għandha qatt tiċi interpretata bħala sfreġju u dan peress li l-kelma sfregju fiha nnifisha tippredisponi ċerta permanenza. Kif intqal f’ dan il-każ, iċ-ċikattriċi kienet waħda de minimis u superfiċjali. Fl-isfond ta’ dan kollu huwa importanti li wiehed jinnota dak li qal it-tabib Camilleri fid-depożizzjoni tiegħu tat-23 ta’ Ottubru, 2007 a foglio 57 fejn qal li mghamel l-ebda follow up biex jikkonstata jekk din il-lacerazzjoni baqgħetx marka jew le. Tenut dan kollu l-appellant isostni li jippersistu dubji ragjonevoli dwar l-entita o meno sofferti mill-allegat vittma

u għalhekk jekk attwalment il-feriti kinux ta’ natura gravi jew le.

Illi mingħajr preġudizzju l-appellant iħoss li qatt ma seta` jinstab ħati fit-termini ta’ l-artiklu 216 sic et sempliciter, imma se mai u in pessima ipotezi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tapplika l-predispost at’ l-artiklu 237(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’malta. Dan peress li jirrizulta kjarament li hawn si tratta fuq ġlieda aċċidentali fejn xi ħadd sofra offiża fuq il-persuna u jippersisti dubju reali u ta’ min verament kien l-awtur.

Illi l-ewwel nett għandu jingħad li għad li l-appellant jikkonċedi li kien hemm ġlieda, jinsisti mill-bidu nett li ma kienx hu li ta l-allegata daqqa ta’ ponn lit-tfajla. Fil-fatt, dan jispjega fl-istatement tiegħu kif ra t-tfajla tagħti daqqiet ta’ handbag lil sieħbu Philip. Spjega li dak il-hin mar ftit bogħod ghax kien hemm rassa. Spjega wkoll li f’hin minnhom xi ħadd imbotta lilu u qala` wkoll daqqtejn ta’ handbag mingħand tfajla li ma jafx min hi u b’ dan kollu jirriżulta li kien hemm rissa.

Illi ta’ importanza hija d-depozizzjoni li ta s-surgent 1492 Joseph Pace. Dan aċċeda fuq il-post ezatt wara l-akkadut. Dan jghid li t-tfajla li kienet imwegga’, indikatlu żewġ persuni li kienu aggredewha. Jibqa` jixhed u jgħid:

“Hi ppruvat tiddefendi ruhha billi xejret xi daqqa b’xi handbag li kellha f’idejha, pero` imbuttawha tefawha ma’ l-art u tawha daqqa ta’ ponn.”

Ghalhekk f’dak il-mument, l-aggredita ma kinetx taf ezatt min taha d-daqqa ta’ ponn.

Illi dan kollu ipoggi fid-dubju dakli wara xehdet Loredana Zampa fil-Qorti fl-20 ta’ Marzu, 2007, meta indikat lill-appellant bħala l-persuna li kien taha d-daqqa. Ta’ importanza wkoll, hija d-depozizzjoni ta’ Philip Muscat tal-20 ta’ Lulju, 2007. Dan jghid:-

“Fl-istabbiliment tal-Havana kont ma Joseph Garreth u waqt li kont qieghed hemm kulħadd beda jimbotta fir-

rassa u kien hemm ir-rassa u kulhadd qabad jimbotta, jien spiċċajt mal-art, kelli l-grif f'idi u qtajt sieqi."

Dan jenfasizza a foglio 47 li ma rax min ta d-daqqa.

"Jien ma rajt xejn, jien tefgħuni ma' l-art u anke siehbi waqa` fuqi, jien lanqas idea...."

Illi minn dan kollu konsegwentemnet l-akkadut jinkwadra ruhu kif intqal fit-termini ta' l-artiklu precitat.

B. Dwar il-Piena

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Illi l-piena kontemplata fl-artiklu 216 hija minn tliet xhur sa tliet snin. Dan ifisser li l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant kważi l-massimu tal-piena.

Illi taht l-artiklu 216 il-Qrati ingħataw latitudni u deskrizzjoni kbira għal dak li tikkonċerna l-piena. Mhux diffiċli li wiehed jifhem għaliex huwa hekk. Il-ligi tinkludi u tiddeskrivi diversi griehi ta' portati u ta' gravita' differenti bħala gravi. Indubbjament, kriterju importanti li għandha tqis il-Qorti meta tigi biex tistabbilixxi l-piena idonea hija l-gravita` tal-grieħi sofferti. F'dan il-każ anke jekk il-Qorti kuntrarjament ghal dak sottomess mid-difiza tikkonkludi li l-feriti kienu tali li zgur li ma kinux daqstant gravi li jimmeritaw l-estrem tal-piena.

Illi dan l-incident issuċċeda hames snin ilu meta l-appellant kien ghadu teenager u ghandu l-fedina penali tajba. Din il-Qorti hi minn issa invitata tieħu konjizzjoni tal-fedina penali tieghu aġġornata minfejn se jirrizulta li huwa bniedem pjenament rintegrat fis-socjeta' u li ma kellux intoppi oħra mal-liġi.

Illi del resto għandu jingħad li dan kien inċident sfortunat li sbroffa fuq ix-xejn fis-saħna tal-mument u li ma ħalliex dawk il-konsegwenzi daqstant serji.

Illi inoltre fil-mori ta’ dan l-appell u minghajr pregudizzju l-appellant ser jittanta jikkumpensa lil Loredana Zampa ghall-allegat danni minnha sofferti.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwelnett l-appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u tal-fatti.

Skont ġurisprudenza kostanti, din il-Qorti ma tiddisturbax il-konklużjonijiet magħmulin mill-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm dawn il-konklużjonijiet ikunu legalment u raġonevolment aċċettabbli.

Għalhekk il-Qorti reġgħet fliet l-atti kollha li minnhom joħorġu dawn il-provi.

Mix-xhieda tal-Ispettur Martin Sammut jirriżulta li l-appellant u sieħbu kienu involuti f’inċident ġewwa Paceville fejn kienet aggredita ċerta Loredana Zampa. Filfatt Loredana Zampa kienet qalgħet daqqa ta’ ponn minn għand żagħżugħ. Hija kienet imbuttata u xejret il-handbag. L-appellant u ħabibu Philip Muscat tniżżlu l-għassa fejn daħlu missier il-vittma u martin Camilleri. Dan tal-aħħar spontanjament għaraf lill-appellant. Fl-inċident Joseph Garrett kien taha daqqa ta’ ponn u ħadha fuq wiċċha.

It-tabib Dr Marin Camilleri ċċertifika li l-vittma kellha ‘a fracture of the nasal bone’ u ‘a superficial laceration left lateral aspect of the nose extending three centimetres to the cheek. (Ara wkoll ir-ritratti ppreżentati mill-vittma a fol 54). Huwa xehed a fol 56 u qal li l-vittma kellha ksur tal-għadma tal-imnieħer u qasma superfiċjali fuq in-naħa tal-imnieħer li testendi għal fuq il-wiċċ xi tleit ċentimetri fonda. Meta kien eżaminha hija kellha nefħa kbira. L-imnieħer kien dritt iżda kellha nefħa. Ma jidhirx li l-imnieħer kien spustjat jew mgħawweġ b’xi mod. (fol 57). Il-laceration, fil-fehma tiegħu kienet gravi għaliex tibqa’ marka fuq il-wiċċ probabilment.

Fil-kontro-eżami huwa qal li l-ksur fl-imnieħer idum madwar erba’ u sitt ġimgħat biex ifiq iżda diffiċli tgħid. Lill-vittma ma kienx reġa’ raha.

Fl-istqarrija tiegħu l-appelalnt innega kollox, qal li qala’ daqqtejn minn għand xi tfjala li ma jafx min kienet, ra lil sieħbu bi grif fuq wiċċu u wara mar ġuvnott fuqu li kien qiegħed fl-għassa u qallu li l-vittma minnha jitilgħulha u tlabu skuża. (fol 14).

PS 1492 Joseph Pace xehed li l-vittma kienet indikatlu żewġ persuni li kienu aggredewha. Ħabib tagħha kien indikalha lil Jospeh Garrett bħala l-persuna li kien ta d-daqqa ta’ ponn lill-vittma (fol 17 u 18).

Il-vittma, Loredana Zampa, xehdet fit-30 ta’ Marzu 2007 u għarfet lill-appellant (fol 25 u 26) bħala l-aggressur u qalet li dan kien kisrilha mneħirha u fetħilha wiċċha. (fol 25). Hija qalet li kienet għadha muġugħa b’dak li ġralha (fol 26).

Xehed ukoll Martin Camilleri (fol 33), ħabib tal-vittma li qal li ra lill-appellant jagħti d-daqqa ta’ ponn lill-vittma li kienet mimlija demm. Dan kien ħiereġ minn imneħirha. Kien qal l-istess dettalji lill-Pulizija meta kien l-għassa. Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kienx ra l-inċident ‘as such’ iżda kien ra lill-appellant ixejjer daqqa ta’ ponn lil Loredana Zampa. Huwa nnega li ċertu Franco kien ra l-inċident.

Fl-20 ta’ Lulju 2007 xehed Philip Muscat li qal li safa bi ġrieħi f’idu u spiċċa ħafi. (fol 44). Kien hemm rassa kbira u lilu qalbuh mal-art. Lill-vittma ma kienx jafha u hu ma kien ra xejn. (fol 47) u lanqas kellu idea dwar min beda jimbotta. L-appellant kien waqa’ fuqu flimkien ma’ xi erba’ min-nies oħra.

Fil-kontro-eżami Philip Muscat qal li kien mar fuqhom l-ex-għarus tal-vittma u talabhom skuża u dan kollu sar qabel ma daħlet il-Pulizija.

Xehdet ukoll Petra Attard (fol 60) li qalet li rat lill-appellant jagħti d-daqqa ta’ ponn lill-vittma. Hija kienet rat lil

Loredana mal-art bid-demm ma' wiċċha u bl-appellant itiha. Lill-appellant qatt ma kienu rawh.

Fil-kontro-eżami meta kienet mistoqsija jekk ratx 'il xi ħadd jagħti b'handbag, hija qalet li l-vittma kienet qed tipprova tiddefendi lilha nnifisha.

Fid-29 ta' Settembru 2008 xehed l-appellant. Inqratlu l-istqarrija li kien għamel Huwa qal li qatt ma kien ra lill-vitma jew lill-ħabiba tal-vittma. Il-ġuvni li kien tela' jixhed kien mar jitolbu skuża. Il-paniku qalgħetu l-vittma għax huma ma kellhom x'jaqsmu xejn. Kien ra lil sieħbu mal-art u huwa stess kien qala' daqqtejn ta' handbag ma jafx min għand min. Il-Pulizija kienu telqu lil sieħbu Philip Muscat u żammew lilu biss. Żied jgħid li fid-disko ikun hemm l-imbuttar, dlam,, id-dawl jixgħel u jitfi u dan it-tip ta' paniku (fol 72). Huwa ma kien ra 'l ħadd jagħti xi daqqa ta' ponn. Tant ma kellux għalfejn jinkwieta fuq dak li ġara li baqa' fuq il-post u mhux telaq 'l hemm. (fol 74).

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Aggravju - Apprezzament ta' fatti u Natura tal-Ġrieħi.**

Li għal dak li huwa apprezzament tal-fatt ewlieni – jiġifieri li l-appellant ta daqqa ta' ponn lill-allegata vittma – din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandu jkun hemm xi konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Issa l-ewwel aggravju huwa dwar in-natura tal-ġrieħi. L-appellant issottometta li l-ġrieħi ma damux u allura ma jistgħux jitqiesu ġrieħi li jaqgħu taħt l-artikolu 216 tal-Kap 9. Iżda l-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Filfatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 1998 fil-każ 'Il-Pulizija versus Fortunato Sultana' qalet hekk:

*'Skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ.*

*Il-Liġi ma tirrikjedix li dan l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ ( jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza tal-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa 'offiża gravivissima' skont l-artikolu 218 (1)(b) tal-Kap 9.'*[1]

Għal dak li huwa sfreġju jew mankament, il-Qorti qed tagħmel referenza għall-każ 'Il-Pulizija versus Paul Spagnol' tat-12 ta' Settembru 1996 (Volume LXXX) fejn intqal hekk:

*'B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wiċċ, għalkemm it-telf ta 'ħafna snien jistgħu jġibu kemm sfreġju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu iħallu fuq il-wiċċ u speċjalment fir-reġjun tal-ħalq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).'*

U għall-kompletezza l-Qorti qed tirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija vs Generoso Sammut' tat-2 t'Awissu 1999 dwar l-offiża fuq il-persuna:

*'Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib.*

---

[1] Volum LXXXII. 1998 Parti IV Paġina 109

*Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibaqa' xu dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża.'*[2]

Għall-fatti ta' dan il-każ huwa relevanti l-artikolu 216(1)(a)(b) tal-Kap 9. B'mod partikolari is-subinċiż (b) –

'jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż'.

Fil-fehma tal-Qorti l-ksur tal-imnieħer (ara ritratti) kif ukoll il-laċerazzjoni jistgħu faċilment jitqiesu kemm sfreġju kif ukoll mankament. Anzi, xkont ix-xhieda tat-tabib Martin Camilleri, il-laċerazzjoni setgħet tħalli traċċi permanenti.

Id-difiża tinsisti li m'hemmx prova li l-isfreġju jew mankamant dam għal tletin ġurnata jew iżjed. Bir-rispett kollu, kif sewwa spjegat il-Qorti fil-każ 'Il-Pulizija versus Spagnol', dan it-tul ta' żmien mhux rikjest mil-liġi fis-subinċiżi li għalihom qed issir referenza. Din l-idea żbaljata qed tirriżulta minħabba li s-subparagrafu (d) jsemmi t-tul ta' żmien **iżda dan is-subpragrafu huwa indipendenti u għandu jitqies għalih u qatt ma jista' jew għandu jinqara bħala xi kwalifika għas-subparagrafi preċedenti.**

**Għalhekk din il-Qorti taqbel għal kollox mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar il-portata tal-ġrieħi.**

Din il-Qorti lanqas ma taqbel li għandu jkun applikat l-artikolu 237(b) li għandu x'jaqsam ma' qtil jew offiża waqt rissa. Iżda dan l-artikolu jinkludi din il-frażi:

'u ma jinsabx min kien l-awtur tal-omiċidju jew tal-offiża'.

---

[2] Vol LXXXIII.1999.Pt.IV paġina 365

F'dan il-każ kien identifikat min wettaq l-offiża u għalhekk dan l-artikolu ma jistax ikun applikat fil-każ ta' llum.

**Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi l-ewwel aggravju tal-appellant.**

**It-tieni aggravju. Il-Piena.**

L-appellant jissottometti li l-inċident sar fid-9 ta' Lulju 2006 meta l-appellant kien għadu teenager. Dan id-dettall tal-aħħar huwa skorrett għaliex, skont iċ-ċitazzjoni u ċ-ċertifikat tat-twelid, l-appellant kellu 21 sena. L-appellant qal ukoll li ser jittanta jikkompensa lill-allegata vittma għad-danni sofferti.

Il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, speċjalment (i) il-kondotta tal-appellant; (ii) li huwa kien meħlus mit-tieni imputazzjoni (iii) u li llum għandu job fiss. Għalhekk ser tirriforma l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kif jidher fl-aħħar paragrafu ta' din is-sentenza.

**Konklużjoni**

Il-Qorti għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fil-21 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Garrett' billi waqt li tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u illiberatu mit-tieni imputazzjoni qed tbiddilha u tvarja fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellant għal piena ta' sentejn u nofs priġunerija u minflok qed tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal erba' snin u dan ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 u li huwa għandu jikkompensa lill-vittma fi żmien sitt xhur mil-lum ta' kwalunkwe spejjeż li hija inkorriet minħabba dan l-inċident. Il-Qorti qed twissi lill-appellant xi tfisser sentenza sospiża u bil-konsegwenzi serji li jkun hemm jekk huwa jwettaq xi reat matul il-perjodu tas-sospensjoni. Twissih ukoll dwar il-konsegwenzi li joħorġu min-nuqqas ta' osservazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------